# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI Numru 4052

**Kaz Nru. 4240/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Jacqueline Orsini (ID 377698)**

**vs**

**Anastassly Vladimirovna Galea**
**(ID 0396218 (L)**
**(Dwar tkeccija mill-Impjieg**
**allegata li hi ngusta).**

**Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).**

**Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors tar-rikorrent Jacqueline Orsini li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fit-8 ta' Novembru, 2023. Matul is-smigh tal-Kaz ir-rikorrent kienet assistita mill-Avv. Alexander Schembri u l'intimata kienet assistita mill-Avv. Charlene Baldacchino Gauci.**

**Fir-rikors ir-rikorrenti tghid, li nhar l-10 ta' Jannar 2008 hija giet impjegata mill-kumpanija Heaven Spa Limited (C 37063) bhala Clerk,**

**ossija receptionist, gewwa l-istabiliment kummercjali maghruf bhala "Heaven Beauty Clinic & Day Sap" li jinstab f'Victoria House, 1A Labour Avenue, Naxxar.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li ftit aktar minn hmistax-il (15) sena wara, ossija nhar il-31 ta' Jannar, 2023 u fi zmien meta kienet ghadha impjegata mal-imsemmija Heaven Spa Limited (C 37063) l-istabiliment gie trasferit lill-intimata.**

**Ir-rikorrenti tkompli tghid, li skond l-Artikolu 3 A (1) tar-Regolamenti dwar Harsien tal-Impjiegi fit-Trasferiment ta' Negozju (L.5. 452.85) : "Wara trasferiment, il-kuntratt tal-impjieg ta' kull persuna li kienet giet impjegata minn min qed jittrasferixxi ghandu jkollu effett daqs li kieku sar originarjament bejn il-persuna hekk mpjegata u l-persuna li qed tircievi t-trasfriment".**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll li madanakollu, hekk kif l-intimata akkwistat in-negozju "Heaven Beauty Clinic & Day Spa", l-istess intimata nhar l-1 ta' Frar, 2023 geghliet lir-rikorrenti tiffirma kuntratt ta' impjieg gdid bhala receptionist, b'terminu ta' probation ta' sitt (6) xhur.**

**Hija tghid ukoll li gimgha qabel ma skada t-terminu ta' probation, l-intimata permezz ta' telefonata, nhar l-24 ta' Lulju, 2023 itterminat il-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrenti u liema terminazzjoni ta' impjieg sehhet b'effett mill-25 ta' Lulju, 2023.**

**Ir-rikorrenti tkompli tghid, li fil-fhema taghha l-agir tal-intimata kien wiehed illegali u abbuziv, u jammonta effettivament ghal tkeccija ngusta. Hija tghid ukoll li l-intimata naqset li thallasha parti mill-paga, bonus, annual leave, u notice period.**

**Ghaldaqstant ir-rikorrenti qed titlob lit-Tribunal Industrijali sabiex;-**

1. **Jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg taghha kienet ingusta u bi ksur tal-Ligi;**
2. **Jiddikjara li hija ghandha dritt li tigi kkumpensata mill-intimata ghal tkeccija ngusta;**
3. **Jillikwida l-kumpens gust li huwa dovut lilha;**
4. **Jikkundanna lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrenti l-kumpens gust hekk likwidat;**
5. **Jiddikjara li l-intimata hija debitrici tar-rikorrenti f'ammont rapprezentattivi paga, bonus annual leave u notice period li gie akkumulat;**
6. **Jillikwida l-ammont ta' paga, bonus, annual leave, u notice period li huwa dovut lilha;**
7. **Jikkundanna lill intimata sabiex thallasha l-ammont dovut lilha;**
8. **Jaghti dawk il-provvedimenti kollha necessarji u opportuni skond id-disposizzjonijiet tal-Att Dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta).**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.**

**Fl’istqarrija taghha l’intimata tghid, li fit-22 ta’ Dicembru, 2022 flimkien mal-partner taghha kkonkludew kuntratt ma Sharon Borg biex jiehdu Heaven Beauty Clinc & Day Spa ghal perjodu ta’ hames snin u fl’20 ta’ Marzu, 2023 sar kuntratt iehor fejn il-partner taghha ghadda n-negozju lillha.**

**Hija tghid ukoll, li meta Sharon Borg kriet il-post u t-trade name “Heaven Beauty Clinic & Day Spa” hija qatt ma tghat informazzjoni lilhom dwar persuni li kienu mpjegati maghha u l’intimata qatt ma giet moghtija lista ta’ ismijiet ta’ haddiema li kienu jahdmu ma Heaven Beauty Clinic & Day Spa u aktar min hekk lanqas informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-haddiema li kienu jahdmu ma Sharon Borg u l’unika lista li l’intimata giet ipprovduta kienet lista ta’ inventarju ta’ mobbli li kien hemm fl’istabiliment.**

**L'intimata tghid ukoll, li minkejja dan hija offriet li dawk il-haddiema li kien jidher li jahdmu ma Heaven Beauty Clinc & Day Spa biex jahdmu maghha u ghaldaqstant ikkonkludiet kuntratt ta’ servizz lil dawn il-haddiema nkluz lir-rikorrenti u dan minkejja li ma kellix konferma li dawn il-haddiema kienu formalment impjegati ma Sharon Borg.**

**Hija tghid wkoll, li meta l-kuntratt ta' servizz gie ffirmat mir-rikorrenti din ma ghamlet l-ebda lment dwar il-possibilita ta' tibdil fil-kundizzjonijiet tax-xoghol taghha.**

**L'intimata tghid ukoll, li kien hemm okkazzjonijiet fejn ir-rikorrenti giet moghtija twissijiet verbali peress li marret kontra l-istruzzjonijiet taghha.**

**Hija tkompli tghid, li r-rikorrenti waqt il-hin tax-xoghol kienet twettaq attivitajiet li ma kellhom x'jaqsmu xejn max-xoghol taghha fosthom; li kienet tircievi l-kera ta' postijiet li kienu mikrija minn Sharon Borg u li dan ma kellu x'jaqsam xejn max-xoghol tar-rikorrenti u minkejja li giet imwissja biex ma tghamilx dan ix-xoghol ghax ma kellu x'jaqsam xejn max-xoghol taghha hija kienet tinjora l-istruzzjonijiet li kienet tigi moghtija mill-intimata u kienet tibqa tghamel dan ix-xoghol.**

**Fl'istqarrija taghha tghid ukoll li f'Lulju, 2023 ir-rikorrenti nfurmat lill intimata li ma kienitx se tattendi ghax-xoghol ghax kellha l-COVID 19 izda ma pprezentat l-ebda certifikat mediku jew evidenza ohra li kienet mardet b'dan il-virus.**

**L'intimata tghid ukoll, li meta r-rikorrenti nfurmatha li kienet mardet bil-COVID-19, ir-rikorrenti bdiet tinsisti u tghamel pressjoni fuq l'intimata biex tobbliga lill impjegati l-ohra biex jghamlu t-test tal-COVID-19 u dan minkejja li f'dak iz-zmien dan it-test ma kienx mandatorju.**

**Hija tghid ukoll, li ghalkemm infurmat lir-rikorrenti li ma kienitx f'pozizzjoni li tisforza lill impjegati biex jghamlu t-test tal-COVID-19, ir-rikorrenti kontra l-parir u l-awtorizazzjoni ta' l-intimata bdiet tavvicina lill impjegati u tisfurzahhom biex jghamlu t-test tal-COVID-19.**

**L'intimata tghid ukoll, li dan l-agir tar-rikorrenti holoq paniku bla bzonn fuq il-post tax-xoghol meta l-impjegati bdew jikkuntattjaw lill intimata ghal liema raguni kienu qed jigu sfurzati biex jiehdu t-test tal-COVID-19 meta dan ma kienx mandatorju.**

**L'intimata tkompli tghid, li ghal dawn ir-ragunijiet imsemmija hawn fuq u kemm il-darba r-rikorrenti giet moghtija diversi twissijiet verbali sabiex waqt il-hin tax-xoghol ma tghamilx xoghol iehor ghajr ix-xoghol taghha u hija naqset li ssegwi l-istruzzjonijiet taghha wasslu biex permezz ta' telefonata, ghax ir-rikorrenti ma kienitx prezenti fuq il-post tax-xoghol u spjegat lir-rikorrenti ghal liema ragunijiet kienet qed titterminalha l-impjieg taghha. L'intimata tghid ukoll, li apparti dawn ir-ragunijiet ir-rikorrenti kienet ghadha fuq zmien ta' prova u din ir-raguni kienet se tigi ndikata fil-formala tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tal-Jobsplus.**

**Hija tghid ukoll li fis-26 ta' Lulju, 2023 ir-rikorrenti marret il-post tax-xoghol u bdiet tinsisti maghha ghal liema raguni kien qed jigi terminat l-impieg taghha u ghal darb'ohra l'intimata regghat spjegat lir-rikorrenti r-ragunijiet li wasslu ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha u ndikatilha**

**li ghalkemm ir-rikorrenti allegatament ma kienitx tiflah pero sa dik il-gurnata hija ma pprovdiet l-ebda certifikat mediku jew rapport ufficcjali.**

**Hija tkompli tghid, li kien wara li r-rikorrenti gie terminat l-impjieg taghha li pprovdiet certifikat tal-mard li kien backdated.**

**L'intimata tghid ukoll, li minkejja dan kollu hija kienet hallset lir-rikorrenti sa Lulju, 2023 inkluz l-leave annwali, sick leave minkejja li ma kienetx ipprovdiet certifikati tal-mard u n-notice money u dan jistgha jigi kkonfermat mill-payslips. Hija tkompli tghid, li ghamlet dan sabiex it-tmiem tat-terminazzjoni tal-impjieg tkun saret b'modd amikovoli.**

**Matul il-provi kien hemm qbil bejn il-partijiet li kien sar trasferiment tan-negozju u mill-provi jirrizulta wkoll, li skond id-dokumenti tal-Jobsplus ir-rikorrenti kienet ilha mpjegata ma Heaven SPA Ltd mill-1 ta' Jannar 2008 bhala Clerk part-time – Casual izda kienet tghamel xoghol ta' Receptionist.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li meta l'intimata saret il-propjetarju gdid tan-negozju tterminat l-impjieg tar-rikorrenti fil-31 ta' Jannar, 2023 u regghet ingaggat lir-rikorrenti fl' 1 ta' Frar, 2023 bhala Receptionist Casual Assistant Clerk, izda mill-provi jirrizulta wkoll li r-rikorrenti baqghet tghamel l-istess xoghol bhalma kienet tghamel qabel l-intimata hadet in-negozju u liema xoghol kien jikkonsisti f'funzjonijiet ta' Receptionist.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li ghalkemm fid-dokument tal-Jobsplus ir-rikorrenti kienet registrata bhala full-time pero mill-provi jirrizulta li l-orarju tas-sighat tax-xoghol tar-rikorrenti kien wiehed part-time u kienet tithallas skond is-sighat tax-xoghol li tahdem u kellha dhul medju ta' €1,381 fix-xahar.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-impjieg tar-rikorrenti gie terminat fil-25 ta' Lulju, 2023 ghal ragunijiet kif tghid l'intimata, ghax ir-rikorrenti kienet ghada fi zmien ta' prova kif ukoll ghal ragunijiet dixxiplinarji fejn l-intimata tghid, li r-rikorrenti ma kienitx is-segwi l-istruzzjonijiet taghha fejn kienet tircievi kera li kienet tippartjeni lill Sharon Borg liema allegazzjoni giet michuda mir-rikorrenti fejn tghid li meta giet avvicinata minn xi kerrejja hija qaltilhom li Sharon Borg ma kienitx ghada hemm u kellhom javvicnaw lillha.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa jekk it-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti kienitx saret waqt li hi kienet fi zmien ta' prova.**

**Rigward dan l-aspett meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li gie ppruvat li kien hemm trasferiment tan-negozju, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li r-rikorrenti kienet baqghet fl'impjieg b'sehh mill-**

**10 ta’ Jannar, 2008 u ghaldaqstant meta gie terminat l-impjieg taghha minn ma l-intimata hija ma kienitx waqt zmien ta’ prova.**

**It-tieni aspett li t-Tribunal Industrijali jikkunsidra huwa l-allegazzjoni li l-impjieg tar-rikorrenti gie terminat hesrem fuq kazijiet ta’ dixxiplina.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina l-provi jirrizultalu li l-impjieg tar-rikorrenti gie terminat fil-25 ta’ Lulju, 2023 permezz ta’ telefonata meta l-intimata cemplet lir-rikorrenti u wara li akkuzata b’diversi nuqqassijiet l-intimata tterminat l-impjieg tar-rikorrenti. L’intimata tghid ukoll li kienet wissiet diversi drabi verbalment lir-rikorrenti.**

**F’dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali l-ewwel ma jikkunsidra l-allegazzjoni fejn l-intimata tghid li kienet wissiet lir-rikorrenti diversi drabi verbalment.**

**Rigward it-twissijiet verbali, it-Tribunal Industrijali kemm il-darba irrimarka li meta jkun hemm kazijiet ta’ Dixxiplina inkluz fejn anke meta l-impjegat jigi mwissi verbalment dawn ghandhom jigu registrati bil-miktub u dan sabiex l-impjegat ikun jaf bil-mizura ta’ dixxiplina u jkun f’qaghda ahjar li jiddefendi l-kaz tieghu.**

**Invista ta’ dan it-Tribunal Industrijali jqies, li kif jirrizulta mill-provi dawn it-twissijiet li allegatament gew moghtija lir-rikorrent ma gewx registrati**

**bil-miktub u ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li dawn it-twissijiet m'humiex validi.**

**F'dawn il-Kunsiderazzjinijiet it-Tribuanl Industrijali jikkunsidra wkoll, li kif jirrizulta mill-provi, it-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti saret b'modd hesrem u l-intimata ddecidiet li r-rikorrenti kienet hatja minghajr qabel ma ghaddiet lir-rikorrenti process ta' dixxiplina, fejn ir-rikorrenti kien ikollha l-opportunita li tiddefendi b'modd xieraq l-allegazzjonijiet li kienu qed isiru fil-konfront taghha.**

**F'dawn il-Kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li l-principju fundamentali tal-gustizzja naturali huwa li hadd ma ghandu jinstab hati qabel ma jigi moghti l-opportunita ghal smigh xieraq.**

**It-Tribunal Industrijali kemm il-darba sahaq, li meta fl'opinjoni ta' min ihaddem l-impjegat ikun naqas minn dmirijiethu u jkun jirrikjedi li jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu, minn ihaddem ghandu jinforma lill impjegat involut bil-miktub x'kienu n-nuqqassijiet tieghu u jghatih l-opportunita li jiddefendi l-allegazzjonijijiet li jkunu qed isiru fil-konfront tieghu biex b'hekk l-impjegat ikun f'qaghda li jiddefendi l-kaz tieghu.**

**Ghaldaqstant, il-management ghandu johrog Att ta' akkuza (charge) fil-konfront tal-haddiem u jghatih data u hin ta' meta se jkun se jinstema l-kaz ta' dixxiplina fil-konfront tieghu. Il-haddiem ghandu wkoll jinghata l-**

**opportunita li jtella xhieda, kif ukoll jekk ikun irid ikollu l-assistenza ta' persuna ta' l-ghazla tieghu.**

**Mill-provi li gew imressqa quddiem it-Tribunal Inudustrijali jirrizulta, li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti saret b'modd hesrem u ma gietx moghtija l-opportunita li b'modd xieraq tiddefendi l-allegazzjonijiet li kienu saru fil-konfront taghha.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzzjoni li r-rikorrenti ma kellix smigh xieraq fil-process ta' dixxiplina b'konsegwenza li gie miksur id-dritt fundamentali taghha tal-gustizzja naturali u ghaldaqstant it-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet ingusta u saret bi ksur tal-Ligi.**

**Invista li t-Tribunal Industrijali ddecieda li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti saret b'modd ingust, it-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra l-kumpens li ghandha tigi moghtija r-rikorrenti fejn ghamlet dikjarazzjoni finanzjarja u talbet li tigi moghtija kumpens ghal tlett xhur notice period li jammonta ghal €3,661; tlett xhur bonus pro rata li jithallas f'Settembru li jammonta ghal €49.97; tlett xhur bonus pro rata li jithallas f'Marzu li jammonta ghal €55.73; tlett xhur leave pro rata li jammonta ghal € 386.10; hija tghid ukoll li ma thallsitx f'paga s-somma**

**ta' €258.38 li tippartjeni ghax-xahar ta' Lulju; u is-somma ta' €5,049 biex tkopri il-perjodu ta' erba xhur sakemm sabet impjieg. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti talbet kumpens totali li jammonta ghal €9660.18.**

**It-Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjonijiet tieghu rigward it-talba ghal-hlas ghal perjodu tan-notice huwa jikkunsidra li peress ir-rikorrenti kienet ilha fl'impjieg minn Jannar 2008 ghandha tkun intitolata ghal perjodu ta' hlas ta' tlett xhur notice kif ukoll ghandha tkun intolata ghal pro-rata tal-bonuses li jithallsu f'Settembru u Marzu u inkluz pro rata ghal hlas tal-leave u r-rikorrenti ghandha tigi mhallsa l-paga wkoll ta' Lulju peress li mill-provi ma jirrizultax li hija kienet thallset il-paga ta' Lulju.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll it-talba tar-rikorrenti li tithallas il-perjodu ta' erba xhur paga sakemm sabet impjieg.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina din it-talba huwa tal-fhema, li l-perjodu ta' zmien ta' erba xhur sakemm sabet impjieg huwa zmien ragonevoli pero it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll li r-rikorrenti spiccat l-impjieg fil-25 ta' Lulju, 2023 u t-Tribunal Industrijali ddecieda li jilqa t-talba taghha li tithallas in-notice period ta' tlett xhur, ghallhekk jirrizulta li hija giet koperta bi hlassijiet ghax-xhur ta' Awwissu, Settembru u Ottubru u nvista li r-rikorrenti sabet impjieg f'Novembru,**

**2023 it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li jintitola lir-rikorrenti hlas ta' paga ghal xahar wiehed.**

**Invista ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzjoni u jiddeciedi li r-rikorrenti ghandha tinghata l-hlas totali €5,873.43 (hames t'telef tmien mija tlieta u sebghin euro u tlieta u erbghin centezmu) minghand Anastassiya Vladimirovna Galea (ID 0396218 (L) liema hlas ghandu jsir fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din Id-Decizjoni.**

**Minhabba diffrimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghal finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**(Iffirmat)**

**Harold Walls**
**Chairman**

**Data 18.02.2025**